KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa imlaqqa b'Urġenza Nru 22 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar it-Tnejn 29 ta' April 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.50p.m. | 9.30p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.40p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | Impenn ta' Xogħol | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.35p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 7.35p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | Marid | |
| Kunsillier David Meilak | 7.30 p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.50 p.m. | 9.30p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Michael Debono kien mistieden jattendi l-laqgħa.

## 1. Finanzi

### a) Approvazzjoni tal-Emendi għal *Financial Statements* 31 ta' Diċembru 2012

Is-Sur Michael Debono, l-accountant tal-Kunsill, intalab jippreżenta il-*Financial Statements* 31 ta' Diċembru, 2013 kif ġew emendati wara li dawn ġew awditjati mill-awdituri tal-Kunsill, 3A Accountants.

Wara li tqassmu kopji lill-Kunsilliera kollha, is-Sur Debono għamel preżentazzjoni tal-*Financial Statements* u spjega d-diversi emendi li huwa ġie mitlub jagħmel mill-awdituri tal-Kunsill. Huwa spjega li l-emendi prinċipali kienu sabiex jiġu nkużi *Invoices* tal-2012 li daħlu tard u li għalihom ma kienux saru proviżjonijiet *(accruals)*.



Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

Huwa spjega li t-telf (*deficit)* ta' matul is-sena 2012 kien prinċipalmet kawża ta' tindifa sħiħa *(clean-up)* li saret fil-kontijiet kemm ta' Kredituri kif ukoll ta' Debituri sabiex il-kontijiet juru stampa aktar ċara tal-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Fost l-oħrajn huwa semma aġġustamenti li saru biex jiġu ikkoreġuti ammonti dovuti fuq il-proġett tal-Cultexchange u Smart, ammonti li kienu qed jidhru li l-Kunsill għandu jdaħħal għal-reinstatements tal-Water Services li iżda fil-fatt dawn ma kienux dovuti, u oħrajn.

Is-Sur Debono irrisponda għal diversi mistoqsijiet li għamlu l-Kunsilliera.

Il-Kunsill approva unanimament dawn l-emendi u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jgħaddi l-*Financial Statement* lill-awdituri għar-rapport tagħhom.

**b) Quarterly Returns – 31 ta' Marzu 2013**

Is-Sur Debono għadda biex jispjega l-*Quarterly Returns* għal-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, 2013 li kopja tagħhom tqassmet lill-Kunsilliera. Dawn kienu juru titjib fuq l-operat finanzjarju tal-Kunsill u ġew approvati unanimament.

**c) Lista ta' Depożiti – Marzu 2013**

Ġiet ippreżentata kkoreġuta tad-deposit għax-xahar ta Marzu 2013 u ġiet approvata unanimament.

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-30/05/2013.

Il-laqgħa ntemmet fit-9.30 ta' filgħaxija.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv